MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-18 ta' Awwissu, 2010

Numru 857/2010

PULIZIJA
SPETTUR MALCOLM BONDIN
VS
MARTIN TABONE

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, Martin Tabone, ta’ 56 sena, iben Paul u Margaret nee’ Bartolo, imwieled Floriana nhar it-8 ta’ Settembru 1953, residenti Carob Flats, Flat 4, Triq Ross, San Giljan u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 685653(M).

Illi huwa akkuzat talli nhar l-14 ta’ Awwissu 2010 ghal habta ta’ 21.00hrs fi Triq Ross, San Giljan:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha u cioe’ attentat ta’ offiza ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Daniel Micallef u dan billi wera’ dan il-hsieb

b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi ta daqqiet bi strument li jaqta u jniggez fuq il-persuna ta' Daniel Micallef, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu;

2. Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Daniel Micallef b'arma regolari nkella bi strument li jaqta' jew inigges skond kif iccertifika Dr.Melanie Debono M.D.;

3. Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, fil-hin li ghamel delitt kontra l-persuna kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari minghajr permess tal-Kummissarju tal-Pulizija;

4. Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb ghal Daniel Micallef sabiex jingurjah, idejjqu jew jaghmillu hsara;

5. Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja imposta mill-Qorti preseduta mill-Magistrat Dr. Miriam Hayman LL.D., f'dan li ma jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest u dan taht garanzija personali fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti u dan bi ksur ta' l-Artikolu 579 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija gentilment mitluba wkoll li tohrog ordni ta' protezzjoni fil-konfront ta' Martin Tabone u dan skond kif hemm mahsub fl-Artikoli 412C u 412D tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat ghar-rigward tat-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba' (4) u l-hames (5) akkuza fil-verbal datat 18 ta' Awwissu, 2010 (a fol.16);

Semghet il-konferma ta’ l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat lill-imputat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-Partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat **Martin Tabone**, mhux hati tal-ewwel akkuza illi minnha tilliberah, hati tat-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba’ (4) u l-hames (5) akkuza, u wara li rat Artikolu 221, 339(d), 579(2), 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat ghal sitt xhur prigunerija sospizi ghal sentejn; in oltre tikkundanna lill-imputat li hallas multa ta’ mitejn Ewro (200 Ewro) liema multa ghandha tithallas b’rati mensili fuq perjodu ta’ sitt xhur.

Din il-piena qed tigi akkordata in vista tal-fattispece kollha tal-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------